Minuti tal-Hmistax (15) il-Laqgħa ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar l-Erbgħa 11 ta' Jannar, 2012 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa bdiet fis-6.12 ta' fil-għaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Hin Dħul | Hin Ħruġ |
|---|---|---|
| Cerpersin Raymond Bartolo | 6.00 p.m. | 8.30 p.m. |
| Viċi Cerpersin Simone Aquilina | 6.00 p.m. | 8.30 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Peter Abela | 6.12 p.m. | 8.30 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Carmel Hili | 6.00 p.m. | 8.30 p.m. |
| Il-Membru Kumitat Amministrattiv Joseph Mario Hili | 6.00 p.m. | 8.30 p.m. |

Iċ-Cerpersin mexxa l-laqgħa tal-Kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea ma attenditx għal-Laqgħa minħabba mpenji oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kien preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Qari tal-Minuti tal-Erbatax (14) il-Laqgħa li nżammet fl-14 ta' Diċembru, 2011**

Il-minuti tal-Laqgħa Numru Erbatax (14) tal-14 ta' Diċembru, 2011 ittieħdu bħala moqrija u ġew approvati wara li saret emenda waħda f'*item* 11.01(d) billi inbidlet l-kelma **"taf"** bil-kelma **"taħseb"** fit-tieni paragrafu wara l-kliem "Is-Sinjura Simone Aquilina qalet li hi".

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti tal-14 ta' Diċembru 2011**

2.01 **Dwar Item 2.02 – Qtuħ ta' biċċa mit-*Traffic Island*.**
Ġie spjegat li l-iskop li tinqatgħa biċċa mit-*traffic island* kien li titwessa t-triq. Pero biex isir dan ġie diskuss jekk it-tappiera li hemm għandiex issir ta' materjal (ħadid) aktar b'saħtu biex tkun tiflaħ għal-pis tat-traffiku li waħedha tiswa madwar Euro 500, inkella jonqos l'ammont li tinqata' l-bankina u b'hekk it-tappiera ma tintmessx mit-traffiku. Ġie deċiż li jiġu allokati sa Euro 2,000 u l-kuntrattur jiġi mogħti struzzjonijiet biex jara jekk jistax isir x-xogħol b'dan l-ammont (inkluż li ssir it-tappiera tal-ħadid). Għandha titneħħa wkoll l-kamra li l-ħitan tagħha huma mmermra. Ser tintbagħat notifika lid-Dipartiment konċernat u jekk ma jirrispondix tittieħed azzjoni immedjata.

2.02 **Dwar Item 2.04 – Laqgħa mal-Klabb tal-Futbol.**
Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien sar kuntatt ma' l-Enemalta u dawn ikkonfermaw li jekk titħallas is-somma ta' Euro 2,724.30 bilanċ ta' kont pendenti u Euro 140 *reconnection fee,* id-dawl jiġi kkonnetjat mill-ġdid. M'hemmx għalfejn jitħallsu ż-żewġ kontijiet pendenti.

Sar qbil li jekk jista' jkun isir ftehim mal-Futbol Klabb u l-arloġġ tad-dawl jinqaleb fuq il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad u jsir *sub-meter* biex jinqdew huma u jħallsu tal-konsum tagħhom.

2.03 **Dwar Item 2.05 – Sid il-Blokka fi Triq Manwel Bonnici.**
Il-Perit Cassar ma kelliex informazjoni dwar min hu sid il-bini.

2.04 **Dwar Item 4.01 – Hitan Perikoluzi fit-Triq tal-Wardija.**
Ġie ippreżentat rapport tal-Ġeoloġista s-Sur Saviour Scerri. Kopja tar-rapport ser tintbagħat lill-membri kollha.

Il-Perit Anton Camilleri talab li jitneħħa dan il-periklu mill-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad. Ġie deċiż li ċ-Ċerpersin, s-Sur Ray Bartolo jagħmel *meeting* ma' dan il-Perit (MRRA).

2.05 **Dwar Item 5.01- Tqassim ta' Kartolini**
Is-Sur Ray Bartolo qal li huwa ma kienx sodisfatt bit-tqassim tal-kartolini tal-Milied għaliex kemm huwa u kemm residenti oħra minn Burmarrad ma kienux irċevew dawn il-kartolini. Iżda, meta kellem lil

tal-Mailbox dawn kienu nsistew li huma kienu qassmu t-800 kartolina kollha.

2.06 **Dwar Item 7.00 – Sit Elettroniku**
Is-Sinjura Simone Aquilina qalet li kienet qed taħdem ma' 12Works u l-Membri għandhom jirċievu kwestjonarju sabiex jimlewħ.

**2.07 Dwar Item 9.00 – *Traffic Management***
Is-Sur Peter Abela qal li huwa kien ġie riferut lis-Sur Josie Brincat ta' TM iżda dan ma setax jiġi ikkuntatjat fuq in-numru provdut.

**2.08 Dwar Item 10.00 – Twittija ta' Triq bil-Konkos.**
Meta ġie kkuntatjat il-Perit Etienne Magri, dan qal li s-soluzzjoni tat-twittija tat-triq bil-konkos, bħala miżura temporanja, kienet tajba.
Ġie deċiż li jintalbu kwotazzjoniet għall-konkos u l-Kumitat iħallas għall-provista tal-konkos u ġarr ta' materjal biss.

**2.09 Dwar Item 11.01(b) – Art għal Bini ta' Latrini Pubbliċi**
Ġie deċiż li jiġi kkuntattjat is-Sur Ray Camilleri skont ir-risposta tas-Sur Albert Mamo.

2.10 **Dwar Item 11.01(d) – Lampa fil-Wardija**
Is-Sinjura Simone Aquilina qalet li l-lampa għandha ssir fit-Triq Prinċipali u mhux fejn takkomoda persuna waħda. Ġie deċiż li din titħalla għal meta issir applikazjoni taħt xi skema u jsir pjan ħolistiku għaż-żona kollha.

**3.00 Materji Finanzjarji.**

3.01 Ġiet ippreżentata l-lista tal-kontijiet finanzjari tal-Kumitat Amministrattiv kif ippreparata mill-*Accountant* is-Sinjura Perici Ferrante.

Saret sospensjoni tal-Laqgħa biex is-Sinjura Perici Ferranta tispjega d-dettalji tal-kontijiet għall-perjodu ta' bejn Jannar u Diċembru 2011 lill-Membri u tirrispondi mistoqsijiet li dawn kellhom. Hija spjegat li kien fadal bilanċ ta' Euro 12,003.— u indikatur finanzjarju pożittiv ta' Euro 4,000 li kien aktar min dak ta' 10% kif mitlub mil-liġi.

Is-Sur Carmel Hili staqsa għaliex kienet inqabżet is-somma miftehma fuq il-kisi mill-ġdid bit-tarmak ta' Triq Busewdien. Is-Sur Ray Bartolo wieġeb li wieħed qatt ma' jista jkun preċiż kemm ser jitla' l-kont f'xogħolijiet bħal dawn peress illi l-Kuntrattur kesa sal-marka li qablu fuqha hu u s-Sindku. Il-Perit jkun ta' stima iżda il-kontijiet jinħadmu fuq iċ-ċits (karti) ta' kemm fil-fatt jkun intbagħat tarmak u dan dejjem isir bl-użin.

Meta s-Sinjura Romina Perici Ferrante irtirat mill-kamra, l-kontijiet finanzjarji ġew approvati unanimament kif ippreżentati.

**4.00 Korrispondenza u Kommunikazzjonijiet.**

4.01 Inqrat ittra ta' TM fejn dawn approvaw it-twessieħ tal-bankina eżistenti fi Triq Burmarrad b'50 ċentimetru. L-istima tal-perit kienet ta' Euro 1,909. Għandha tinħareġ il-P.O. sabiex isir dan ix-xogħol mill-kuntrattur Adam Bugeja.

4.02 TM approvat li ssir mera ħdejn Scotts u ser tinħareg W.O.

**5.00 Festa Bdiewa.**

5.01 Ġiet approvata unanimament is-somma ta' Euro 4,000 għal din l-attivita. Ġie imwaqqaf kumitat bil-Membri, is-Sur Ray Bartolo, is-Sur-Joseph Mario Hili, u s-Sur Peter Abela biex jaħdmu fuq din l-attivita`.

**6.00 *Updates* fuq Xogħolijiet**

6.01 Iċ-Cerpersin, is-Sur Raymond Bartolo informa li kien twaħħal l-*equipment* tal-*Outdoor Gym* u anke r-*rubber flooring*. Jidher li kien sar xogħol sew u li kien jista' jitħallas meta dan jiġi ċċertifikat mill-Perit.

6.02 Iċ-Ċerpersin, is-Sur Raymond Bartolo informa li xogħol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq Busewdien fil-Wardija issa kien tlesta.

**7.00 Stemma tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.**

7.01 Iċ-Ċerpersin, is-Sur Raymond Bartolo informa li żewġ abbozzi tal-istemma issa kienu waslu. Dawn kienu proposti tal-eraldiku Strickland

ibbażati fuq dak li kien ippropona l-Kumitat. Ġie deċiż unanimament li tintgħażel dik li tidher li qed tħares mit-Torri lejn il-baħar.

**8.00 Skema dwar restawr ta' proġetti żgħar.**

8.01 Iċ-Ċerpersin, is-Sur Raymond Bartolo informa li kienu qed isiru laqgħat mas-Sinjura Sue Depasquale u s-Sur David Cardona ta' Heritage Malta dwar San Pawl Milqi. Ġie propost li tiġi restawrata anke il-Kappella iżda dan jitlob permessi tal-MEPA u kienu ser isiru l-applikazjonijiet meħtieġa.

Is-Sur Bartolo qal li huwa kien ser jgħaddi erba' proposti lill-Kunsill sabiex isiru applikazjonijiet taħt l-iskema ta' restawr ta' proġetti żgħar filwaqt li għalissa kien ser isiru studji biss fuq is-sit ta' San Pawl Milqi.

**9.00 Aġġornamenti.**

9.01 Il-Membru s-Sur Peter Abela tkellem dwar it-Tender li kien inħareġ mir-Reġjuni għal *Authorised Officers*. Huwa qal li kien qed jitlob li għandu jiġi studjat dan id-dokument u jintalab li jsiru l-emendi meħtieġa dwr il-fatt li kien jidher li l-*Authorised Officer* ken ser ikun fuq kemm is-Segretarju Eżekuttiv u anke fuq l-istess Ċerpersin tar-Reġjun.

9.02 Il-Membru s-Sur Joseph Hili qal li dwar il-proġetti ta' Cross Borders skont memo tas-sinjura Violet Galea (DLG) tad-9 ta' Jannar 2012 bir-referenza ENPI CBC – MED jixtieq ikun jaf jekk il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad jistax ukoll jipparteċipa f'dawn il-proġetti. Huwa qal li kien hemm proġetti dwar turiżmu u dwar agrikoltura. Iċ-Ċerpersin qal li għandu jiċċekja dwar dan.

**10.0 Tmiem tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għall-15 ta' Frar 2012, fis-sitta ta' filgħaxija.

***Ray Bartolo***
***Cerpersin***

***John J. Camilleri***
***Segretarju Eżekuttiv***

14 ta' Frar 2012

Ref: 55 / 1449 / 12 / OCZ